TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 19/12/F

**Albert u Elizabeth Micallef**

**vs**

**Keith Joseph Mallia**

Illum 28 ta' Settembru, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-23 ta' Jannar, 2012 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' mitt ewro (€100), rappreżentanti xogħol inkomplut li sar fuq il-bejt tagħhom rigwardanti *liquid membrane*.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu qabdu lill-intimat sabiex jagħmel xogħol ta' *liquid membrane* għall-valur ta' ħames mija u sebgħin ewro (€570) u li kellu jkun prodott Ingliż u mhux Taljan. Illi rriżulta li x-xogħol għamlu bi prodott Taljan u mhux Ingliż, u peress li prodott Taljan huwa inferjuri, dak il-ħin ir-rikorrenti waqfu lill-intimat milli jkompli x-xogħol u ftiehmu fuq pagament ta' mitejn ewro (€200). Wara li ħallsu u telaq l'hemm, irriżulta illi x-xogħol kien għamlu b'passata waħda u mhux tnejn kif kien infurmat u imwiegħed, u għalhekk ir-rikorrenti qed jitolbu rifużjoni ta' mitt ewro (€100).

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta.

Kif ukoll it-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti, jikkonsidra li l-verżjoni tagħhom hija kredibbli u aċċettabbli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas l-ammont ta' mitt ewro (€100), bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**